**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 9 ta' Novembru 2001**

**Numru 22**
**Citaz. Nru. 1488/98 FDP**

**Charles Pool**
**Vs**
**Conrad Muscat**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni tat-13 ta' Lulju 1998 fejn gie premess:-

Illi fil-11 ta' Lulju 1995, waqt li l-attur kien qed isuq il-vettura tieghu numru ta' registrazzjoni E-6020 go Triq Qrejten, il-Hamrun, huwa gie investit minn vettura numru ta' registrazzjoni E-4423 misjuqa mill-konvenut u bhala konsegwenza l-vettura ta' l-attur sofriet danni ingenti;

Illi ghal dan l-incident kien jahti unikament il-konvenut stess u dana minhabba traskuragni, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u dan kif jirrizulta ahjar mit-trattazzjoni tal-kaz;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li kien il-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali fuq imsemmi;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur in segwitu tal-fuq imsemmi incident f'somma li ghandha tigi stabbilita jekk ikun hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur in linea ta' danni dik is-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez komprizi dwak ta' l-ittra ufficjali ta' Marzu 1997 u dik ipprezentata kontestwalment ma' din il-kawza lis-socjeta` assikuratrici tal-konvenut, bl-imghax legali;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tat-18 ta' April 2000 tal-konvenut Conrad Muscat fejn eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament l-azzjoni ta' l-attur hija preskritta a tenur ta' Artiklu 2153 tal-Kodici Civili;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huwa l-istess attur li kien unikament responsabbli ghall-incident stradali imsemmi fic-citazzjoni u dan minhabba traskuragni, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u dan kif ser jirrizulta ahjar mill-provi;

3. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjonijiet hemm kawza fl-ismijiet Joseph Muscat vs Charles Pool (Cit Nru 2266/96), liema kawza kienet allura differita ghall-5 ta' Mejju 2000 u din titratta fuq l-istess incident stradali mertu ta' din il-kawza u ghaldaqstant ghall-ekonomija tal-gudizzju il-provi migbura f'dik il-kawza ghandhom jigu allegati ma' din odjerna;

4. Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:-

Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni:

Illi l-konvenut Conrad Muscat qajjem l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni a bazi ta' artiklu 2153 tal-Kodici Civili, "*L-azzjoni ghall-hlas ta' hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni ta' eghluq is-sentejn.*"

Illi jirrizulta li l-incident mertu tal-kawza sehh fl-11 ta' Lulju 1995 filwaqt li C-citazzjoni saret fit-13 ta' Lulju 1998. L-attur, fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu iddikjara li huwa kien interpella lill-konvenut biex jaghmel tajjeb ghad-danni kagonati minnu permezz ta' ittra ufficjali f'Marzu 1997, izda huwa baqa' inadempjenti;

Illi fl-affidavit tieghu dwar l-eccezzjoni preliminari (fol 23) il-konvenut cahad li huwa qatt gie notifikat b'xi ittra ufficjali. Qal li l-ewwel darba li huwa sar jaf b'din il-kawza kien meta rcieva l-avviz u c-citazzjoni mill-marixxall fit-3 ta' April 2000. Irrefera ghal kawza ohra dwar l-istess mertu fl-ismijiet inversi, *Joseph Muscat vs Charles Pool* (2266/96FDP), u qal li ghalkemm huwa dejjem attenda l-Qorti u anke ta x-xhieda tieghu, la l-attur u lanqas id-difensur tieghu ma qatt kellmuh dwar l-allegazzjoni taghhom fil-konfront tieghu kif allegat fic-citazzjoni odjerna;

Illi l-imsemmija kawza fl-ismijiet inversi sejra tigi wkoll deciza llum; il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-atti tal-kawza l-ohra u tirrileva li mkien ma jidher li l-attur odjern kellu xi pretensjoni kontra il-konvenut odjern; irid jigi

rilevat ukoll illi l-kawza l-ohra giet intavolata sentejn qabel dik odjerna u fiha ma saret ebda kontro-talba; din kienet tkun ir-reazzjoni logika ta' min jikkontesta li, mhux talli hu ma kienx responsabbli, imma li l-htija kienet proprju ta' l-iehor. Ma ghamel xejn minn dan, qisu ma gralu xejn fil-kollizjoni pero` aktar minn sentejn wara l-ewwel kawza iddecieda li jipprezenta kawza dwar l-istess incident;

Illi fil-11 ta' Mejju 2001 il-konvenut esebixxa:-

(1) kopja ta' l-ittra ufficjali li ntbaghtet mill-attur lilu fl-20 ta' Marzu 1997 (fol 30) liema ittra irrefera ghaliha l-attur fid-dikjarazzjoni guramentata sabiex jipprova li gie interrott il-perjodu preskrittiv ta' sentejn mid-data ta' l-incident in kwistjoni, u

(2) kopja tar-riferta negattiva relattiva (fol. 31) li tikkonferma li l-konvenut effettivament qatt ma gie notifikat bl-ittra ufficjali;

Illi min-naha tieghu l-attur ma hax interess fil-kawza, pero` l-istqarrija tieghu li kien kiser il-perjodu preskrittiv permezz ta' ittra ufficjali, wasslet lill-Qorti tikkoncedi diversi differimenti biex jissostanza din l-allegazzjoni; ma ghamel xejn u anqas esebixxa l-imsemmija ittra ufficjali. Min-naha tieghu il-konvenut esebixxa kopja ta' ittra ufficjali pprezentata mill-attur flimkien ma riferta negattiva; l-ittra ufficjali kienet datata 20 ta' Marzu 1997 u ghalhekk probabilment hija dik li l-attur isemmi fid-dikjarazzjoni tieghu

ghalkemm anqas ta d-data preciza taghha; ma tressqux provi li wara dik ir-riferta negativa kien hemm xi wahda pozittiva;

Illi ghalhekk jidher li l-azzjoni hija preskritta u l-eccezzjoni preliminarji tal-konvenut ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut; u

Tichad it-talbiet attrici.

L-ispejjez jithallsu mill-attur.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur